MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 870/2003

**Embassy Catering Limited**
**Vs**

**Bosphorous Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta’ attrici ippremettiet: illi s-socjeta Ertugrul Co. Ltd (C 16228) ta’ Arkata N. Xatt ir-Risq, Vittoriosa, kienet tikri minghand is-socjeta Embassy Catering Ltd ta’ Triq Santa Lucia, Valletta, parti mill-Embassy Shopping Centre fi Triq Santa Lucia, Valletta, bil-kera ta’ tliet mija u hamsa u tmenin lira (Lm 385) fil-gimgha pagabbli *in arrears*, skond skrittura li ggib id-data tat-23 ta’ April 2003, liema skrittura qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A; illi s-socjeta’ Ertugrul infurmat lis-socjeta’ attrici illi socjeta’ ohra, u cioe’ Bosphorous Limited (C 30120) giet iffurmata mis-Sur Ramazan Ertugrul, l-istess direttur ta’ Ertugrul Co. Ltd, u

illi l-fatturi ghal kwalunkwe’ hlas kellhom jibdew jinhargu f’isem Bosphorous Limited; illi s-socjeta’ attrici bdiet titlob il-kera hawn fuq imsemmija minghand Bosphorous Limited mill-10 ta’ Marzu 2003 ‘l quddiem; illi l-istess socjeta’ attrici harget fatturi ohra mill-15 ta’ Mazru 2003 ‘il quddiem rapprezentanti spejjez ohra, minbarra kera u dan dejjem f’isem Bosphorous Limited; illi llum il-gurnata Bosphorous Limited hija debitrici ta’ l-Embassy Catering Limited ghall-kera ta’ l-imsemmi fond, u ghall-kontijiet ta’ l-elettriku, kontijiet ghal gbir ta’ skart, kontijiet ghal-forniment ta’ xorb u ghall-reklami; illi xi ghamara ta’ l-Embassy Catering Limited li kienet tinsab fil-fond mikri u li ghaliha kienet responsabbli Bosphorous Limited, illum m’ghadhiex tinsab hemmhekk; illi Bosphorous Limited m’ghadhiex tista’ tezercita d-drittijiet ta’ lokazzjoni ghaliex l-imsemmi fond gie maghluq u projbit milli jopera fuq ordnijiet ta’ l-Awtorita’ tas-Sanita’; illi Bosphorous Limited hija kreditrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ erbatax-il elf, seba’ mija u zewg liri Maltin, erbgha u sebghin centezmu (Lm 14,702.74), somma kkalkolata rapprezentanti kera, kontijiet ta’ eletrikku, kontijiet ta’ gbir ta’ skart, kontijiet ghall-forniment ta’ xorb, reklami u ghamara appartenenti lis-socjeta’ kreditrici u li ma tinsabx fil-fond mikri u dan skond fatturi hawn annessi u mmarkati Dok B; illi l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta’ l-istess socjeta’ attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba tal-hlas ta’ l-imsemmi ammont; illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx;

Tghid l-istess socjeta konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta’ attrici, b’dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbatax-il elf, seba’ mija u zewg liri Maltin, erbgha u

sebghin centezmu (Lm 14,702.74), somma kkalkolata rapprezentanti kera, kontijiet ta' l-elettriku, kontijiet ghall-gbir ta' skart, kontijiet ghall-forniment tax-xorb, reklami u ghamara appartenenti lis-socjeta' kreditrici u li ma tinsabx fil-fond mikri.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta'qbid kawtelatorju ta' l-14 ta' Awissu 2003, u bl-imghaxx legali dekorribli mill-10 ta' Marzu 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Bettina Azzopardi;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li s-socjeta konvenuta Bosphorous Limited debitament notifikata baqghet kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deheret.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata mill-attrici li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghal l-ammont ta' tlettax-il elf u hamsa u sittin liri Maltin u hamsa u tlettin centezmu (Lm 13,065.35).

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u ghalhekk ghandha tigi milqugha.

Tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni limitatament ghas-somma ta' tlettax-il elf u hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u tlettin centezmu (Lm 13,065.35), bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------